MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Civili - Ghawdex Numru. 19/1997/1

**Anthony u Mary konjugi Sultana**

**vs**

**Ganni Rapa**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Ottubru, 2006, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenut jgħid għaliex, prevja li huwa jiġi ddikjarat responsabbli u prevja l-likwidazzjoni tad-danni, tħallas lill-atturi d-danni kollha minnhom sofferti għal xogħol ħażin li sar minnek fid-dar residenza ta' l-atturi numru 30, Triq il-Ġnien, Għajnsielem,

Għawdex, liema xogħol sar minnek bi traskuraġni grassa u li ma sarx skond kif titlob l-arti u s-sengħa ta' bajjad, u liema xogħol l-atturi kienu kostretti li jaqilgħu u jerġgħu jagħmlu mill-ġdid u xogħol ieħor ħażin li sar minnek u li għad irid jinqala' u jsir mill-ġdid kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża .

Bl-ispejjeż kontra tiegħek .

Bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa mħarrek .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi:

1. Illi fl-ewwel lok mhuwiex veru illi l-esponenti wettaq ix-xogħol tiegħu b'xi traskuraġni jew mhux skond l-arti u s-sengħa; u lanqas huwa veru illi l-atturi sofrew xi danni minħabba x-xogħol tiegħu ;

2. Illi fit-tieni lok, it-talbiet attriċi huma fi kwalunkwe każ preskritti bid-dekors ta' sentejn minn meta huma setgħu saru jafu bl-allegati danni, a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Civili .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Gunju 1999 fejn ġiet nominata l-A.I.C. Anna Maria Attard Montalto bħala espert tekniku fil-kawża .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert ippreżentata fis-7 ta' Lulju 2000, u konfermata bil-ġurament fid-depożizzjoni tagħha tas-7 ta' Frar 2003 .

Rat ukoll l-atti tal-kawża quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar fl-ismijiet : "Ganni Rapa vs Anthony Sultana et. (Avviż nru. 42/1997) allegati permezz tad-digriet tagħha tal-15 ta' Marzu 2002 .

Rat il-verbal tagħha ta' l-20 ta' Gunju 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż il-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jirreklamaw id-danni allegatament ikkaġunati minħabba xogħol ħażin imwettaq mill-konvenut fil-proprjeta' tagħhom, fl-esekuzzjoni ta' appalt mogħti minnhom lilu .

In linea preliminari l-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap. 16, applikabbli għal każ in eżami, billi din hija appuntu kawża għad-danni mhux ikkaġunati b'reat . L-attur xehed illi l-appalt kien ġie mogħti lill-konvenut fis-sena 1993, imma billi ma sarx kollu f'daqqa, u ġie anke ordnat xogħol *extra,* baqa' jkarkar sas-sena 1996 . Fid-depożizzjoni tiegħu u x-xhieda minnu mressqa, l-konvenut ma spjegax meta dan l-appalt ġie terminat, imma fl-Avviż tiegħu quddiem it-Tribunal għat-Talbiet iż-Żgħar, li kopja tiegħu ġiet allegata ma' l-atti tal-kawża preżenti, u li kien jirrigwarda talba għall-ħlas tal-bilanċ dovut in konnessjoni ma' dan l-istess appalt, huwa stqarr illi dawn ix-xogħlijiet kienu saru fis-sena 1996 . Il-kawża preżenti ġiet intavolata fis-sena 1997, u għalhekk qabel ma laħaq skada t-terminu stabilit mil-liġi għal din il-preskrizzjoni . Din l-ewwel eċċezzjoni qed tiġi għalhekk respinta .

Fil-mertu mbagħad il-konvenut jiċħad illi x-xogħol minnu mwettaq ma sarx skond is-sengħa u l-arti, u għalhekk sostna illi ma kienx hemm lok għal likwidazzjoni tad-danni a favur ta' l-atturi . Jirriżulta pero' mir-relazzjoni ta' l-espert tekniku

nominata f'dan il-każ, illi fil-fatt kien hemm tassew xi nuqqasijiet fix-xogħol imwettaq mill-konvenut lill-atturi . Dawn huma kollha ndikati fl-istess relazzjoni,[1] u ma ġew ikkontradetti bl-ebda mod mill-konvenut . Irriżulta wkoll illi *pendente lite*, l-atturi ġew awtorizzati jagħmlu x-xogħlijiet ta' riparazzjoni meħtieġa,[2] u dawn swewlhom is-somma komplessiva ta' Lm467.50[3] . Il-perit tekniku, mitluba teżamina dawn ix-xogħlijiet riparattivi u tiddikjara jekk kienux kompatibbli mal-kontijiet esebiti, irrelatat fl-affermattiv[4] . Għalhekk jirriżulta illi dan l-ammont huwa ġustifikat u ripetibbli u għandu jirrappreżenta d-danni kkaġunati mill-konvenut lill-atturi fix-xogħol ħażin imwettaq minnu fil-proprjeta' tagħhom .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni kkaġunati lill-atturi minħabba xogħol ħażin li sar minnu fid-dar ta' residenza tagħhom numru 30, Triq il-Ġnien, Għajnsielem, Għawdex, liema xogħol l-atturi kienu kostretti li jaqilgħu u jerġgħu jagħmlu mill-ġdid ;

2. Tillikwida d-danni kkaġunati fis-somma ta' erba' mija sebgħa u sittin lira maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm467.50); u

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati lill-atturi .

Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut."

---

[1] a fol. 33 - 34 tal-proċess .
[2] ara verbal tal-kontendenti tat-22 ta' Gunju 1999 a fol. 30 tal-process .
[3] ara invoices u riċevuti relattivi esebiti bħala Dokti. AS 1 sa As 8 a fol.53 - 60 tal-process .
[4] ara depożizzjoni tagħha a fol. 79 tal-process .

Huma tlieta l-motivi li l-konvenut jadduci bl-appell tieghu fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza, u cjoe:-

(1) La s-sengha tieghu kienet dik ta' kahhal u ta' bajjad u gjaladarba kienu l-atturi li insistew li huwa jezegwixxi wkoll ix-xoghol ta' tqeghid tal-madum, dawn assumew ir-riskju ghad-difetti stabbiliti mill-espert tekniku;

(2) Ix-xoghlijiet kienu ilhom aktar minn sentejn li tlestew u dan igib li l-azzjoni attrici kienet kolpita bil-preskrizzjoni opposta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

(3) Il-likwidazzjoni tad-danni kanonizzata bis-sentenza hi insostenibbli, kapriccjuza u ingustifikata;

Riprodotti dawn l-obbjezzjonijiet il-Qorti ser tghaddi biex twiegeb ghal kull wahda minnhom fl-isess ordni li tqajmu;

Hu principju generali tad-dritt f' materja ta' adempiment kontrattwali illi min jippresta l-opra tieghu biex jezegwixxi bicca xoghol jew appalt ghandu l-obbligu li jaghmel xoghol tajjeb, ezenti minn vizzju jew difformita` fl-ezekuzzjoni. Fuq il-punt il-gurisprudenza hi ferm konkordi. "*L' imprenditore ha l' obbligo di eseguire bene l' opera commessagli, secondo i dettami dell' arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria*" ("**Carmelo Scicluna -vs- Giuseppe Mallia *et***", Appell Civili, 31 ta' Mejju 1929). Jekk dan ma jaghmlux, u jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa jwiegeb ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina. Ara "**George Cutajar -vs- Edward Vincenti Kind *proprio et nomine***", Qorti tal-Kummerc, 15 ta' Mejju 1953;

Isegwi minn dawn il-principji preliminari illi l-appaltatur ma jistax jiskansa ruhu minn din ir-responsabilita` tieghu billi jsostni, kif hekk jaghmel l-appellanti, illi hu m' ghandux is-sengha ta' *tile layer* jew li qaghad fuq l-istruzzjonijiet ta' l-atturi. Dan ghaliex ghal darb' ohra l-gurisprudenza ma tikkonfortahx f' dan. Jinsab difatti ritenut illi "f' kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem" ("**Mario**

**Blackman -vs- Carmelo Farrugia *et nomine***", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972). Mhux hekk biss. Hu wkoll pacifikament espress illi "*è dovere dell' appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole dell' arte.*" ("**Nicola Vella -vs- Luigi Agius**", Appell Inferjuri, 7 ta' April 1923). Principju dan ribadit sew f' bosta sentenzi ohra. Ara b' ezemplari "**Sancio De Carlo *proprio et nomine* -vs- Emmanuele Cumbo *et***", Appell Kummercjali, 6 ta' Frar 1956 u "**Antonio Pisani -vs- Carmelo Debattista**", Prim' Awla, Qorti Civili, 8 ta' Mejju 1958;

Huwa ghalhekk ghal kollox inutili li l-appellanti jittanta jaddossa r-responsabilita` ghad-difetti verifikati fuq l-appellati ghax la x-xoghol ezegwih hu, u mhux l-appellati, huwa hu biss li ghandu jbati l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' hila u ta' l-opra imperfetta ezegwita minnu, u ma jistax jistahba wara l-allegazzjoni tal-kolpa f' min ikkummissjonah mix-xoghlijiet. L-ewwel ilment qieghed ghalhekk jigi skartat;

Bit-tieni motiv l-appellanti jippretendi illi fuq il-bazi tal-provi u l-aktar taz-zmenijiet meta gew finalizzati x-xoghlijiet, l-azzjoni attrici kellha titqies preskritta a norma ta' l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 li jipprovdi li "l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b' reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn". Ikollu jinghad fuq dan il-punt illi la l-partijiet u lanqas l-ewwel Qorti ma ttrattaw u kkultivaw kif jixraq id-distinzjoni fundamentali bejn danni derivanti *ex contractu* u dawk l-ohra *ex* delictu jew *vel quasi delicto*. Huma, anzi, assumew illi l-preskrizzjoni opposta kienet applikabbli. La d-dottrina legali (ara **Baudry-Lacantinerie** "Trattato Teorico Practico di Dirittor Civile", Capitolo XVI pagna 488 *et sequitur*) u lanqas il-gurisprudenza kopjuza fuq is-soggett ma ssostni dan, trattasi ghal kaz fejn il-bazi ta' l-azzjoni ghandha l-gheruq taghha f' rapport kontrattwali, kif hekk inhu wkoll hawnhekk;

Jinghad mill-Qorti tal-Kummerc fid-decizjoni "**Giuseppe Attard *nomine* -vs- Alfred Zerafa *nomine***", 24 ta' April 1906, illi "*trattandosi di un azione per danni derivanti dall'*

*inadempimento di una obbligazione contrattuale, non è applicabile la disposizione dell' articolo 1917 dell' Ordinanza VII del 1868, che è applicabile solo ai danni risultanti da dolo o colpa extra-contrattuale ovvero Aquilina, ma è invece applicabile la prescrizione quinquennale che regola gli effetti del contratto*". Fl-istess sens hi s-sentenza fl-ismijiet "**Neg. Salvatore La Rosa de Cristoforo *nomine* -vs- Henri Rouselle**", Appell Kummercjali, 17 ta' Frar 1936. B' mod specifiku ghal kaz ta' appalti kkonsulta dawn is-sentenza: "**Joseph Busuttil -vs- Emmanuele Schembri**", Appell Kummercjali, 19 ta' Frar 1954, "**Sabrina Borda -vs- Arrigo Group of Hotels Ltd**", Prim' Awla, Qorti Civili, 15 ta' Jannar 1999 u "**Raphael Micallef -vs- Anthony Agius**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

Minn dan premess, ankorke wiehed ikollu joqghod, fil-fattispeci, fuq meta gie kommissjonat l-appalt (1993) u mhux ukoll fuq iz-zmien ta' l-ezekuzzjoni effettiva tieghu, kif suppost ghandu jkun, ir-rizultant ahhari hu dak li l-azzjoni, intavolata fl-1997 ma kienetx kolpita bil-preskrizzjoni kwinkwennali ghall-iskop tad-dekorriment taghha. Anke allura dan l-aggravju hu destinat li jfalli;

Fuq l-ahhar kap ta' aggravju jibda biex jinghad bi preambulari illi n-nozzjoni tad-danni li jippreciza l-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili u disposizzjonijiet ohra mxerrda f' dan l-istess Kodici huma intizi ghad-determinazzjoni tal-kwantum u l-forma tar-rizarciment. Bazikament, il-funzjoni primarja ta' l-obbligazzjoni ta' dan l-istess rizarciment hu dak tal-kompensazzjoni tal-pregudizzju li jkun gie arrekat u r-restawr, almenu "*par equivalent*", tas-sitwazzjoni antecedenti ghad-danni. Ara f' dan is-sens id-decizjoni fl-ismijiet "**Antonio Zammit -vs- Mario Calleja**" Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar 1977, f' liema wkoll jissokta jigi precizat illi tali rizarciment ghandu jikkonsisti fil-mizura korrispondenti ghall-ispiza inkorsa fl-eliminazzjoni tax-xoghol difettuz ossija f' somma li tekwipara l-valur ta' l-utilitajiet mitlufa. Principju generali dan konsegwit fid-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta' Ottubru

1979 in re: “**Edgard Sant -vs- Peter Borg**”, u f’ bosta sentenzi ohra posterjuri;

Fuq l-ezami taghha ta’ l-atti din il-Qorti hi sodisfatta illi l-kwantum tar-rizarciment stabbilit mill-ewwel Qorti ma ghandux jigi varjat. F’ dan, il-Qorti ma tistriehx biss fuq l-awtorita` taghha imma ssib sostenn fix-xhieda ta’ l-espert tekniku nominat mill-Qorti li kkonfermat fl-ewwel lok illi x-xoghlijiet rimedjali li twettqu fil-kors tal-proceduri u bi qbil bejn il-partijiet kienu konformi ghal dawk ikkonstatati minnha fir-rapport taghha u, fit-tieni lok, li l-ispejjez inkorsi, skond ir-ricevuti esebiti (fol. 53 sa fol. 60), kienu idoneji ghal dawk l-istess xoghlijiet riparatrici;

Huwa veru li l-atturi ghamlu pavimentar gdid fuq dak li kien hemm difettuz izda dan il-fatt ma ghandux jimmilita kontra taghhom bl-adoperu tal-principju li d-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu ragonevoli biex jimmitiga d-dannu u mhux jirriklama kwalunkwe somma, tkun xi tkun. Fic-cirkostanzi tal-kaz prezenti minn imkien ma jirrizulta illi l-espert tekniku esprimiet ruhha fis-sens li l-ispiza totali nvoluta kienet kapriccjuza jew ingustifikata. Lanqas li ma kienetx ragonevoli. Kwestjoni din del resto wahda ta’ fatt li l-Qorti adita mill-mertu kellha tapprezza fic-cirkustanzi tal-kaz partikulari quddiemha. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti twarrab il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti fuq din il-kwestjoni meta mill-atti ma hemmx xejn x’ jinduciha talment illi l-apprezzament diskrezzjoniali ta’ dik il-Qorti kien wiehed manifestament errat u illogiku.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell fit-tliet kapi ta’ aggravji tieghu u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza jibqghu sopportabbli mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------